MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2012

Appell Kriminali Numru. 378/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Kevin J. Farrugia)**
**Vs**
**Ludwig Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. talli fis-sebgha w ghoxrin t'Awwissu 2005 ghall-habta tal-hamsa neqsin ghaxra ta' wara nofsinhar gewwa Triq il-Kosta, Bahar ic-Caghaq, u f'inhawi ohra fil-Gzejjer Maltin, b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b''nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kkaguna l-mewt tal-passiggier Clifford Micallef ta' tmintax il-sena minn San Gwann u dan meta kien qed isuq u/jew kellu kontroll tal-

vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAS 252 tal-marka Honda Civic;

2. talli saq l-imsemmija vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAS 252 tal-marka Honda Civic b'GAK 071 b'manjiera traskurata, bla kont u b'manjiera perikoluza;

3. talli saq l-imsemmija vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAS 252 tal-marka Honda Civic billi ecceda l-limitu ta' velocita dak ta' tmenin kilometru fis-siegha barra ibliet w irhula u dak ta' hamsin kilometru fis-siegha fl-ibliet w irhula;

4. talli b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b''nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kkaguna u/jew ghamel hsara jew hassar jew gharraq xi haga u dan meta dahal f'hajt ta' residenza li ggib l-isem 'Maui', sitwata fi Triq il-Kosta, Bahar ic-Caghaq u dan ghad-dannu ta' Josephine Degaetano.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Awissu, 2010, li biha, wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65, l-artikoli 225, 328 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 127 tal-L.S 65.11 sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal piena karcerarja ta' sentejn.
Oltre dan ordnat l-iskwalifika tal-licenzji tas-sewqan tieghu ghall-perjodu ta' tlett snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti kkundannat lill-appellant ihallas l-ispejjez inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, l-Qorti laqghet tali talba u kkundannat lill-appellant ihallas l-ispejjez kollha involuti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe`, sebgha w sittin Lira Maltin u hamsa w ghoxrin centezmu (LM67.25) spejjez tal-esperti tas-SOCO, tmienja w sittin Lira w disa` centezmi (LM68.09) bhala spejjez inkorsi ghar-rapport tal-Perit Richard Aquilina, mija w tlieta w erbghin Lira w hamsa w

ghoxrin centezmu (LM143.25) spejjez inkorsi ghall-ezami mediko legali fuq il-kadavru ta' Clifford Micallef, mija w tlieta w hamsin Lira w hamsin centezmu (LM153.50) spejjez tar-rapport prezentat minn Dr. Yana Micallef Stafrace, mija w tlieta u ghoxrin Lira Maltin (LM123) bhala spejjez tar-rapport tal-espert tekniku Joseph Zammit u mija w tnejn u tletin lira w hamsin centezmu (LM132.50) spejjez tar-rapport tal-perit legali Dr. Stephen Farrugia Sacco, kollox ghall-ammont komplessiv ta' sitt mija w tnejn u tmenin Lira w disgha w hamsin centezmu (LM682.59) ekwivalenti ghal elf hames mija w disghin Ewro (€1590) u dan fi zmien tlett xhur, u jekk l-appellant jonqos li jhallas imqar pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Ewro u hamsa w sittin centezmu (€11.65) dovuta.
Ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan il-ghan.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta' Awissu, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza msemmija w tilliberah minn kull htija w piena jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
1. li s-sentenza appellata hija nulla in kwantu l-piena erogata – piena karcerarja ta' sentejn – hi piena li ma tezistix. Il-pieni li jnaqqsu l-liberta' personali huma biss dawk ta' prigunerija, ta' rekluzjoni u ta' detenzjoni (artikolu 7 tal-Kodici Kriminali). Sentenza fejn tigi erogata piena li ma hijiex kontemplata fil-ligi hija nulla.
2. Minghajr pregudizzju ghall-generalita` ta' l-ewwel aggravju, r-relazzjoni kongunta ta' Dr. Yana Micallef Stafrace u ta' Joseph Zammit kellha tigi sfilzata.

3. Minghajr pregudizzju ghall-generalita` ta’ l-aggravji precedenti, mill-provi prodotti qatt ma setghet tinstab htija fl-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant..
4. Illi t-tielet imputazzjoni hija preskritta.
5. Minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, l-piena erogata hi manifestament sproporzjonata.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi 27 t’Awwissu ta’ l-2005 ghal habta ta’ 4.50 pm l-appellant kien qed isuq il-vettura tieghu Honda Civic bin-numru FAS 252 fi Triq il-Kosta Bahar ic-Caghaq. Kien gej mid-direzzjoni ta’ St. Andrews dirett lejn Bahar ic-Caghaq u wasal bejn wiehed u iehor hdejn inkorcju illi jaghti ghal dak li kien il-“White Rocks Holiday Complex”. Flimkien mieghu fil-vettura kien hemm zewg passiggiera, Clifford Micallef kien riekeb quddiem u Marlon Ellul fuq wara. Huwa u niezel in-nizla illi taghti ghal mal-Bahar ic-Caghaq l-appellant tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u baqa’ diehel fil-kantuniera ta’ hajt ta’ residenza privata. Il-vettura sofriet hsarat kbar pero l-appellant u Marlon Ellul ma sofrew l-ebda konsegwenzi minn dan l-incident. Izda sfortunatament Clifford Micallef sofra griehi ta’ natura gravi, iddahhal l-isptar fil-periklu tal-mewt fejn jumejn wara tilef il-battalja tieghu mal-hajja.

Sussegwentement l-appellant gie mixli bi qtil involontarju ta’ Clifford Micallef. U b’sentenza ta’ 17 t’Awwissu ta’ l-2010 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-esponent hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal piena karcerarja ta’ sentejn. U in oltre skwalifikatu milli jotjeni licenzji ta’ sewqan ghal perjodu ta’ tlett snin.

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant qieghed jissottometti illi l-ewwel sentenza hija nulla peress illi errogat piena karcerarja ta’ sentejn liema piena li ma tezistix. Il-pieni li jitnaqqsu liberta’ personali huma biss dawk ta’ prigunerija, ta’ rekluzzjoni u ta’ detenzjoni (Artiklu 7 tal-Kodici Kriminali). L-appellant ikkwota in sostenn is-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet ‘Il-Pulizija

vs Joseph Zammit et' (28 ta' Jannar 1994). Huwa veru illi l-Qorti ta' l-Appell f'dik is-sentenza indirizzat dak l-insenjament u cioe sentenza li teroga piena li m'hix kontemplata fil-Ligi hija nulla. Pero din il-Qorti thoss illi ghandha tidipartixxi minn dan l-insenjament ghax ma tixtieqx tkun dependenti fuq formalizmu izzejjed. M'hix l-ewwel darba illi minkejja Artiklu tal-Ligi jghid mod, il-Qrati taghna accettaw kliem iehor li jkun ifisser l-istess. Anke meta l-Artiklu jkun ta' ordini pubbliku u jkun importanti li l-applikant ikun preciz fl-intenzjoni tieghu halli ma jithalla l-ebda dubju f'mohh il-Qorti ghal dak illi qed tintalab. Hawnhekk il-Qorti qed taghmel referenza ghal-Artiklu 419 (1) tal-Kodici Kriminali li bhala regola gie 'very strictly and rigidly interpreted.' (Ara 'Il-Pulizija kontra Joseph Galea' Appell Kriminali 30 ta' Gunju 1995).

Dan l-Artikolu jghid x'ghandu jkun fiha it-talba tar-rikors ta' l-Appell u cioe jew it-thassir jew il-bdil tas-sentenza. Dawn huma l-unika zewg kelmiet illi juza' dan l-Artikolu pero minkejja ir-rigidita ta' l-interpretazzjoni, bhala passi il-Qrati taghna spjegaw illi mhux necessarju illi jigi uzat ezzattament il-kliem 'tahsir' jew 'tibdil' fit-talba tar-rikors hu sufficjenti jekk jigu uzati kliem bhala 'tirrevoka' jew 'tannulla' li jfissru l-istess bhal 'thassar' jew 'tahsir'. Infatti ghal din il-Qorti, il-kliem 'thassar', 'tirrevoka' u 'tannulla' huma uzati b'mod indiskriminat propju ghax ifissru bazikament l-istess haga. Hekk ukoll il-kliem 'tvarja', 'tbiddel' u 'tirriforma'. (ibid)

L-anologija ma' l-Artiklu 7 tal-Kodici Kriminali huwa evidenti. Veru li dan l-Artikolu jitkellem biss fuq prigunerija, rekluzzjoni u detenzjoni pero` meta l-Qorti tuza kliem bhal piena karcerarja hija ovvja li qed tirreferi ghal dik ta' prigunerija peress illi ffissru l-istess haga. Ghalhekk fil-waqt li huwa deziderabbli li l-Qorti tkun preciza u kemm jista' jkun tuza' l-kliem testwali tal-Ligi, billi l-Qorti tuza' xi kelma ohra li tfisser l-istess haga ma jfissirx li ghandha tigi applikata l-estrema sansjoni u s-sentenza tigi dikjarata nulla.

L-appellant fehem sew x'ridet tifhem il-Qorti meta errogat dik il-piena tant illi fl-Appell tieghu ghamel referenza

ghaliha u talab ir-riforma tas-sentenza u l-piena. Ma sar l-ebda pregudizzju ghal-appellant billi il-Qorti uzat il-kelma karcerarja flok dik prigunerija. U ghalhekk il-Qorti tichad dan l-aggravju u tghaddi biex tikkonsidra il-bqija ta' l-aggravi.

Ikkunsidrat:

It-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt, li r-relazzjoni kongunta ta' Dr. Yana Micallef Stafrace u tat-tekniku Joseph Zammit kellha tigi sfilzata. Dan ghaliex dawn iz-zewg esperti qatt ma inghataw is-seta' li jisimghu x-xhieda bil-gurament u li jiehdu x-xhieda taghhom bil-miktub hekk kif tassitavament rikjest skond l-ewwel Proviso ta' l-Artiklu 548 tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat:

Huwa minnu illi l-Artiklu fuq imsemmi 548 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li awtorizzazzjoni sabiex perit tekniku jisma' x-xhieda bil-gurament, trid tkun espressa u ma tistax tigi prezunta fil-kaz ta' kull espert li jigi msejjah biex jghin fl-access. F'dan il-kaz irrizulta illi dawn iz-zewg esperti ma nghatawx l-awtorizzazjoni biex jisimghu x-xhieda bil-gurament u wisq anqas xi awtorizzazjoni biex jamministraw il-gurament.

Ikkunsidrat:

Minn ezami akkurat ta' nomina ta' l-esperti maghmula mill-Magistrat inkwerenti, ma hemmx dubju illi din in-nomina saret b'mod infelici u apparentament ma gewx osservati id-dettami ta' l-Artiklu 548 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti taghmel referenza a fol 21 ta' l-Atti fejn hemm in-nomina ta' l-esperti u minn hawn jidher car illi hadd minn dawn l-esperti ma gie moghti l-fakulta li jisma' x-xhieda. Ma hemmx dubju illi d-digriet tal-Magistrat imissu gie ifformulat ahjar. Il-Magistrat ghandu jiehu hsieb illi fid-digriet tieghu n-nomina ta' kull espert ikun delinejat u specifikat avolja ikun jaf perfettament il-qasam tal-professjoni ta' l-espert. Pero jidher illi l-esperti kienu jafu sew x'kien l-inkaru taghhom. Tant hu hekk illi fix-xhieda

taghhom specifikaw l-inkarigu u l-rwol li huwa gew moghtija mill-Magistrat inkwerenti.

U ben sabut illi meta Magistrat jigi nfurmat b'suspett ta' reat serju ma joqghodx jistenna r-rapport tal-ispettur bil-miktub. Jigi nfurmat b'mezzi telefonici u bl-istess mezzi l-Magistrat jinnomina l-esperti tieghu. Dawn l-esperti, sussegwentement jigu infurmati mill-ispettur dwar l-inkarigu taghhom u mmedjatament jissuktaw b'dak l-inkagiru. Id-dokumenti bil-miktub jigu wara.

Fil-kawza 'Ir-Repubblika ta' Malta kontra Chris Grech' deciza fl-10 t'April ta' l-2008 kienet qamet kwistjoni simili ghal din, fis-sens illi magenb l-ismijiet ta' l-esperti minghajr ma gie specifikat l-inkarigu tnizzel biss SOCO, li tfisser Scene of the Crime Officer. Minkejja li ma giex specifikat l-inkarigu jekk kienx fotografu, jekk kienx finger print expert", jekk kienx "ballistic expert" jew inkella kellux jeleva xi haga minn fuq ix-xena tad-delitt, dik in-nomina f'ghajnejn il-Qorti kienet bizejjed sabiex tirredika l-legalita taghha. F'dan il-kaz in-nomina tohrog car mix-xhieda ta' l-istess esperti fejn ovvjament dawn irrelataw fejn u ghaliex gew nominati bid-dati rispettivi. Tibqa' pero il-kwistjoni ta' l-awtorizzazjoni tas-smiegh tax-xhieda liema awtorizzazjoni trid tkun espressa u ma tistax tigi prezunta. F'dan il-kaz, kif diga inghad, Dr. Yana Micallef Stafrace u s-Sur Joe Zammit ma nghatawx il-fakulta li jisimghu x-xhieda avolja wiehed jista' jargumenta illi dan huwa intrinsiku fin-nomina taghhom u ma jistax ikollok tali nomina jekk ma jkollox ukoll l-awtorizzazjoni li tisma' x-xhieda.

Il-Qorti pero jidrilha illi dan m'huwiex bizejjed u l-awtorizzazjoni trid tkun espressa fin-nomina u jekk l-espert jghaddi biex jisma' x-xhieda allura f'dan il-kaz ikun qed imur ultra vires u dik ix-xhieda ghandha tigi sfilzata, sakemm pero din is-sitwazzjoni ma tigix sanata b'xi att stess ta' l-istess appellant. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-verbal tat-23 t'April ta' l-2007 (fol 120) fejn wara r-rinviju ta' l-Avukat Generali tat-18 t'April ta' l-2007 kien ordna illi l-provi kollha jinstemghu mill-gdid peress illi l-Atti ma gewx rinvijati fit-terminu stabbilit mill-Ligi. U l-

Qorti hekk ordnat u ghaddiet biex isir l-ezami mill-gdid ta' l-imputat.

F'dan l-istadju, id-difiza ezentat lil Prosekuzzjoni mill-htiega li terga' tressaq ix-xhieda illi diga xhedu f'dawn il-proceduri u l-Qorti kkonfermat l-esperti kollha mahtura fl-inkjesta u ghamlithom taghha.  F'dak l-istadju l-Atti tal-Process Verbal kienu parti minn dawn il-proceduri u hawnhekk id-difiza accettathom minghajr riserva u ezentat il-Qorti milli terga' tisma' x-xhieda mill-gdid.  B'hekk, id-difiza issanat kwalunkwe sitwazzjoni illi setghet forsi waslet ghal nullita ta' xhieda moghtija quddiem l-esperti mahtura mill-Magistrat inkwerenti.  U ghalhekk l-appellant ma jistax issa, f'dan l-istadju, jqajjem il-kwistjoni ta' nullita tax-xhieda meta kien hu stess li accetahom minghajr riserva fil-verbal fuq imsemmi tat-23 t'April ta' l-2007.

Ghalhekk il-Qorti tiddisponi minn dan it-tieni aggravju billi taccetta x-xhieda li taw id-depozzizjoni taghhom quddiem l-esperti mahtura mill-Magistrat inkwerenti u tghaddi biex tikkonsidra t-tielet aggravju.

Ikkunsidrat:

Dan it-tielet aggravju jitratta l-apprezzament dwar il-fatti u kif qal tajjeb l-appellant, dawn iridu jigu kunsidrati fl-isfond ta' incident serju u ix-xhieda ta' l-appellant fid-dawl ta' diversi fatturi li neccessarjament kellhom impatt fuqu fosthom dak illi kien ghadu kif sehh incident serju, kien ghadu taht xokk minhabba dak li kien gara lil siehbu u anke minhabba li hu ma kkonsultax ma' avukat qabel ma tkellem ma' l-esperti msemmija.  Ghalhekk il-Qorti ikkunsidrat ix-xhieda ta' l-appellant flimkien mar-ritratti li gew esebiti f'dawn l-Atti u principalment il-pjanta illi pprepara il-Perit Richard Aquilina minnfejn jidher car il-movimenti tal-vettura ta' l-appellanti, qabel u wara l-impatt.

Fis-sottomessjoni tieghi, l-gharef avukat difensur qal illi ma rrizultax in-ness tal-kazwalita bejn l-overspeeding u l-akkadut.  U saqsa id-domanda ghaliex il-karozza spinjat u ghaliex l-esperti waslu ghal konkluzzjoni illi l-appellant

dahal fil-hajt biex jevita tappiera. Jibda biex jinghad illi l-karozza spinjat wara li habtet mal-hajt u mhux qabel. L-appellant ma tilifx il-kontroll tal-karozza ghax din spinjat. Infatti mill-pjanta tal-Perit Aquilina jidher car illi l-karozza baqghet sejra f'linja dritta ghal gol-kantuniera tal-hajt. Il-break marks tal-vettura jibdew ezatt fuq it-tappiera b'linja diretta lejn il-kanuniera. Qabel it-tappiera ma hemm l-ebda marki ma' l-art illi jindikaw il-karozza ta' l-appellant kienet qed tinstaq minghajr kontroll. Zgur pero li kienet qed tigi misjuqa b'velocita aktar milli suppost. Apparti d-dikjazzjoni tal-appellant illi kien qed isuq cirka 100/110 km fis-siegha, hemm ix-xhieda ta' Martin Ellul li ta quddiem din il-Qorti (fol 139) fejn qal illi huwa kien mindud fuq is-seat ta' wara u ma jafx ezatt kif sar l-impatt. Mistoqsi xi speed kienu ghaddejin biha qal li ma kienx jaf pero 'bil-mod ma konniex ghaddejin…' Mistoqsi x'ried ifisser meta fl-inkjesta kien qal li "Ludvic kien ghaddej naqra qawwi aktar milli suppost", wiegeb li dan ghaliex li l-magna tal-karozza kienet qed tinstema rrejzjata.

Josianne Degiorgio li hija l-propjetara tal-villa Maoi, The Coast Road, Bahar ic-Caghaq qalet (fol 199) illi mhux biss semghet l-incident izda ukoll hassitu. U dan peress li l-vettura inkwistjoni baqghet diehla gol-hajt tal-gnien taghha u kellha hsara fil-kantuniera billi waqghu xi knaten fil-front garden taghha. Ir-ritratti tal-karozza wara l-incident juru devastazzjoni kbira fuq in-naha tax-xellug taghha. Devastazzjoni illi jfisser impatt qawwi u vjolenti illi jsarraf b'vettura illi kellha momentum gholi qabel l-impatt. Dan jinkwadra bis-shih mad-dikjarazzjoni ta' l-appellant illi kien ghaddej b'volocita ta' 100/110 km fis-siegha. Din hija velocita illi tissupera dak permess mill-Ligi f'dak l-inhawi. Jekk it-tappiera kinetx fattur illi l-appellant tilef il-kontroll tal-vettura, ma rrizultax mill-Atti, li rrizulta zgur illi l-"break marks" tal-vettura ta' l-appellant jibdew minn fuq it-tappiera u jibqghu sejrin b'linja dritta lejn il-kantuniera tal-hajt.

U hawn qeghda propju l-kawzalita illi talbet id-difiza fis-sottomessjoni taghha. L-appellant kien ghaddej b'velocita elevata u sforz l-inesperjenza ta' l-eta' tieghu ma kienx kapaci li jzomm il-karozza fl-linja dritta fit-triq u minflokk

baqa' diehel dritt ghal gol-kantuniera tal-hajt. Kien wara dan l-impatt illi l-karozza spinjat bla kontroll bil-mod kif xhedu Ruth Pace u Ryan Fava li kienu gejjin mid-direzzjoni opposta (ara xhieda fol 131 u fol 138). L-istess Marlon Ellul a fol 139 illi kien mindud fuq is-seat ta' wara jghid illi wara l-impatt beda jghid 'bejni u bejn ruhi waqt li kont fuq is-seat ghidt kemm ser indumu nitkaxxkru…' Ghalhekk kontra dak li qal l-appellant fir-rikors tieghu, ma hemm xejn prezunt fil-konnessjoni bejn is-sewqan ta' l-incident u l-mewt ta' Clifford Micallef. L-appellant kien ghaddej bi speed eccessiv. Ma setax jikkontrolla l-karozza b'mod normali. Din baqghet diehla fil-hajt b'impatt qawwi fuq in-naha tax-xellug propja fejn kien bil-qieghda Clifford Micallef u dan sofra griehi ta' natura gravi tant illi miet l-isptar jumejn wara kawza ta' l-istess griehi illi huwa sofra.

Ikkunsidrat :

Ir-raba' aggravju jikkonsisti fil-fatt illi t-tielet imputazzjoni hija preskritta. L-appellant ghandu ragun. Din l-imputazzjoni hija ta' natura kontravenzjonali kontemplata bir-regolament 127 (1) tar-regolamenti dwar il-vetturi tal-mutur (Avviz legali 128/1994). Il-preskrizzjoni ta' din l-imputazzjoni hija dik ta' tlett xhur skond l-Artiklu 668 (F) tal-Kodici Kriminali. L-incident sar fis-27 t'Awwissu ta' l-2005 u c-citazzjoni giet opprezentata fir-Registru tal-Qorti fit-3 t'Awwissu ta' l-2006, kwazi sena wara l-incident. Ghalhekk il-Qorti tilqa' dan l-aggravju u tiddikjara t-tielet imputazzjoni bhala preskritta.

Ikkunsidrat :

Il-hames aggravju jikkonsisti fil-fatt illi il-piena erogata hija manifestament sproporzjonata. Hu argumenta illi sentejn prigunerija ghal-involontarja kien wisq mehud inkonsiderazzjoni cirkostanzi ta' dan il-kaz. Din il-Qorti tirrileva illi fil-waqt li piena errogata hija fil-parametri tal-Ligi, il-Qorti m'hijiex avversa ghat-talba ta' l-appellant illi din il-piena tigi b'xi mod varjata. Din il-Qorti hadet inkonsiderazzjoni l-eta' tenera ta' l-appellant fil-gurnata ta' l-incident. Incident sfortunat, fejn veru tilef hajtu Clifford

Micallef kawza ta' sewqan esagerat ta' l-appellant, liema sewqan huwa aktar attibwit lejn l-inesperjenza taz-zoghozija milli ghal xi tendenza tal-kriminalita ta' l-appellant.

L-appellant ghandu fedina penali nadifa u jidher li din hija l-ewwel darba li kiser difru mal-Ligi, mhux il-kaz li jintbaghat il-habs sabiex jirriforma ruhu. Ma jidhirx li hemm xi haga x'jigi riformat u ma hemmx dubju illi l-konsegwenzi tas-sewqan tieghu ser ikunu rimors ghalih li jrid jibqa' jghix bih tul hajtu kollha. Din hija piena fiha nnifisha u l-ebda perjodu l-habs ma jista jikkancella dan il-fatt. F'kazijiet ta' omicidju involontarju l-Qrati taghna kienu dejjem lesti jikkundanaw l-azzjoni imma meta tigi sabiex tikkundanna l-persuna, dejjem raw ic-cirkostanzi partikolari ta' dak li jkun u kemm il-persuna kienet propensa lejn il-kriminalita jew ma kinetx. F'dan il-kaz il-Qorti hija sodisfata illi l-appellant m'huwiex xi kriminal. Dan kien incident sfortunat illi halla konsegwenzi tragici izda biex issir gustizzja l-Qorti ma jidirlhiex illi ghandha tmur ghal-estremi tal-Ligi u tapplika l-piena ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell in parti, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik is-sentenza fejn sabet htija ta' l-appellant fl-ewwel, fit-tieni u fir-raba' imputazzjonijiet u tvarjaha fejn sabet lil l-appellant hati tat-tielet imputazzjoni u peress li din giet iddikjarata preskritta, tilliberah minnha. Tvarjaha inkwantu tikkoncerna l-piena fejn fil-waqt illi tikkonferma s-sentejn prigunerija tordna, wara li rat l-Artiklu 28 A tal-Kodici Kriminali, illi dan it-terminu jkun sospiz ghal zmien tlett snin mill-lum. Tikkonfermaha ukoll fejn ordnat is-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan ta' l-appellant ghal perjodu ta' tlett snin u l-kundanna ghal hlas tal-ispejjez tal-esperti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------